# *Dokumenti tal-1593 mill-Arkivju tal-Katidral*

**Maġistrat Joseph Cassar**

Fid-29 ta' Mejju 1592 l-Isqof Tumas Gargallo qasam il-Parroċċa ta' Bir Miftuħ u hekk Ħal Tarxien sar parroċċa għalih. Ftit xhur wara, fl-24 ta' Jannar 1593 ħareġ id-digriet li ġej li għadu qatt ma ġie ppubblikat.

Fra Don Thomas Gargallus, għall-Grazzja tal-Mulej u tas-Sede Appostolika.

Isqof ta' Malta, Kunsillier Irjali, Kommendatur ta' Baibens.

Biex (aħna) nimxu mat-tagħlim tal-Imqaddes Konċilju ta' Trentu u kif (aħna) mogħnijin bis-setgħa mis-Santa Sede.

Minħabba l-mewt tal-mibki Reverendu Bartolomeo Mangion, l-aħħar Rettur tal-Knisja Parrokkjali ta' Bir Miftuch (sic), taħt it-titolu tat-Tlugħ fis-Sema tal-Imqaddsa Marija:

Minħabba l-għadd kbir ta' nies u minħabba 'l bogħod tal-irħula li kienu jaqgħu taħt l-imsemmija parroċċa tal-imsemmija knisja:

Minħabba li mhux ħafif li s-sagramenti jitwasslu lin-nies u lil dawk li joqogħdu fl-irħula msemmija, minn Rettur wieħed.

U minħabba t-talbiet ħerqana biex saret il-qasma bl-att maħruġ mill-Palazz fid-disgħa u għoxrin jum tax-xahar ta' Mejju 1592, li hawn ser insemmi:

Qsamna l-imsemmija parroċċa f'dawn l-oqsma: Waqqafna l-Knisja ta' San Leonard, ta' Casal Percop bħala Knisja Parrokkjali, u għaddejnielha l-imsemmija Casali Percop, Michabiba u Safi.

Waqqafna l-Knisja ta' San Ġwann li tinsab f'Casal Tarxen billi għaddejnielha l-imsemmija Casal Tarxen.

Waqqafna l-Knisja Matriċi u Parrokkjali taħt it-titlu Tlugħ fis-Sema tal-Imqaddsa Marija billi għaddejnielha il-Casal Gudja, Luca u Farruġ.

Li għalihom sibna Kappillan bil-Jeddijiet u d-Dmirijiet tagħhom għall-parroċċi fuq imsemmija skont il-ħaqq u s-sewwa bit-tibdil imwettaq mit-tagħlim tal-Konċilju ta' Trentu.

Sabiex huma r-Retturi jistgħu jwasslu s-sagramenti lill-imsemmija nies li jagħtu qima lill-Mulej (u dawn kienu:)

Ir-Rev. Don Gaspare Grixti fl-imsemmija Knisja Matriċi u Parrokkjali taħt l-imsemmi titlu Tat-Tlugħ Fis-Sema tal-Imqaddsa Marija.

Ir-Rev. Don Carlo Taljana fl-imsemmija Knisja ta' San Leonard ta' Casal Percop.

U r-Rev. Don Bastjanu Cuscusu fl-imsemmija Knisja ta' San Ġwann f'Casal Tarxen: taħt u skont il-ħaqq ħtarna l-istess kappillani fl-imsemmija parroċċi u amarna li jingħataw u li jieħdu f'idejhom il-paċifiku pussess tagħhom kif jidher mill-att tal-ħatra u tal-pussess.

U meta wara amarna li jitwettaq dak li għedna fuq bgħatna lill-imsemmi Don Carlo fl-imsemmija parroċċa, xi wħud minn Casal Michabiba u Safi kienu tal-fehma li m'għandhomx jinqatgħu mill-ewwel imsemmija parroċċa tagħhom ta' Casal Bir Miftuch:

Billi minħabba li kienu tassew fil-faqar, ma setgħux, itellgħu u jibnu knisja parrokkjali minn flushom u ħlashom billi diġà kienu daħlu fi spejjeż minħabba tkabbir u l-bini tal-imsemmija knisja matriċi fejn għandhom l-oqbra tagħhom u billi il-Casali Michabiba u Safi huma mbiegħda minn Casal Percop daqs kemm huma mbiegħda mill-imsemmija Knisja Matriċi ta' Bir Miftuch:

U billi kienu ser jitlewmu u jħaqquha ma' Don Carlo:

U billi minħabba hekk talbuna bil-kliem li nwettqu ħaqq magħhom billi nagħmlu li nistgħu dwar dak li jinqala'.

Għalhekk ħsibna u xtaqna li nwittu dan it-tilwim u tħaqqiq biex il-poplu ma jibqax nieqes mis-sagramenti u mill-griżma minn din il-knisja u biex bla tbatija u kif jixraq l-istess sagramenti lin-nies li joqogħdu fil-post.

(Namru) li l-istess Don Carlo jista' joqgħod u jmur fis-sliem f'Casal Gudja jew f'xi post ieħor li jidhirlu xieraq minn fejn fil-jiem ta' festa u fil-jiem solenni tal-btajjel isir il-kant skont il-liġi Kanonika u jkun hemm fil-Knisja Matriċi l-ilbies u l-kwies għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies ġewwa l-imsemmija Knisja Matrijarkali u

l-bqija jsir dak li amarna għandhom jinżammu t-truf tal-qasam tal-parroċċi li għamilna.

Namru lill-imsemmija Don Carlo u Don Gaspare li bl-ebda mod ma għandhom jersqu lejn il-parruċċani li m'humiex tagħhom imma biss lejn il-parruċċani li huma tagħhom għat-twettiq tas-sagramenti fil-knejjes li jaqgħu taħthom skont it-truf mogħtija minna taħt il-kastigi msemmija mill-Imqaddes Konċilju ta' Trentu u (il-kastigi) l-oħra skont l-amar tagħna.

F'dan il-kas eċċ...

Mogħti fil-palazz Tagħna, l-24 jum ta' Jannar 1593.

Kopja ta' dan id-digriet miktuba bl-idejn bil-Latin ġiet mogħtija lili mill-W.R. Mons. Dun Ġwann Azzopardi. Ir-referenza għall-oriġinal ma nstabitx aktar. Żgur li qiegħda fost id-dokumenti fl-Arkivji tal-Mużew tal-Katidral. Nibqa' bit-tama li nsibha.

Dan id-digriet huwa l-uniku wieħed li jgħid li l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien kienet dik ta' San Ġwann. Id-dokumenti tal-vista ta' Mons. Dusina juru li l-*Ecclesia Principalis* kienet dik ta' *Sanctae Mariae Annunciatae* (ara Documentary Sources of Maltese History Part Iv documents at the vatican No. 1. p122-129), kif ukoll l-artiklu ta' Jos.A. Farrugia - 'Tarxien', Ħarġa Speċjali tal-Festa 2016 p33-35).

Fil-vista pastorali tal-1600 magħmula wkoll mill-Isqof Gargallo tissemma l-knisja ta' Marija Annunzjata bħala l-Knisja Parrokkjali. (Ara l-artiklu tiegħi - 'Tarxien' Ħarġa Speċjali tal-Festa 2010 p33-34)

Testmenti magħmula minn Tarxiniżi fis-snin imsemmija juru li l-Knisja Parrokkjali kienet dik ta' Marija Annunzjata. Jista' jkun li tħawdu l-ismijiet tal-knejjes billi Ħal Tarxien kien magħruf ukoll bħala *Casalis Sancti Johannes* ir-raħal ta' San Ġwann (Ara W.R Vincent Borg-Melita Sacra II p508-510)

**Tislima speċjali lil ħabib u artikolista Maġistrat Joseph Cassar, li ħalla din id-dinja nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju 2017.**

